IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 3 t' Awwissu, 2026

Rikors numru: BCT/13/2026

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Orascom Limited

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-appell li permezz tieghu l-appellanti ikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita` intimata lilha notifikata fl-14 ta'Jannar, 2026 u li, permezz taghha, il-Kumitat ghal-Licenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni ikkonferma r-rifjut tal-applikazzjoni sottomessa:

"*Ir-raguni tar-rifjut hi li l-applikazzjoni mhix kompluta minhabba nuqqas ta' dokumenti li kellhom jigu pprezentati kif mitlub fi Skeda II tal-Ligi Sussidjarja LS623.09:*
Permess ta'residenza
Numru tar-registrazzjoni tal-VAT tal-applikant"

Illi permezz tal-appell tieghu l-appellanti ressaq zewg aggravvji:

L-Ewwel Aggravju

(i) Illi l-Ewwel Aggravju eccepit mis-socjeta` tirrigwarda l-VAT Number. Is-socjeta`` kummercjali Orascom Limited ghandha VAT number u c-certifikat tal-VAT tas-socjeta` kummercjali hu hawn anness bhala dok OCM1 fejn in-numru tal-VAT tal-kumpanija hi MT2421 4001

(ii) Illi jekk dan il-VAT number kellha titnizzel f'xi formola u fl-applikazzjoni quddiem l-Awtorita`, zgur u mhux forsi, din kienet zvista fejn is-socjeta`kummercjali qieghda tipprezenta c-certifikat tal-VAT li juri l-prova li s-socjeta` kummercjali ghandha VAT number. (...)

It-Tieni Aggravvju

Illi t-tieni aggravvju tas-socjeta` appellanta tirrigwardja l-permess ta' residenza tal-bennej u operatur George Morris Samhon

Illi George Morris Samhon jinsab fil-process li jgib l-istatus ta' immigrazzjoni u l-permess ta'residenza regolarizzat u dana wara s-sentenza tal-Immigration Appeal Board tad-19 ta' Gunju, 2023 u li kopja tas-sentenza qieghda tigi hawn annessa bhala Dok OCM2. (....)

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi n sostenn ta' dan qed jkun anness l-affidavit tal-ufficjal tal-Awtorita`u mmarkata bhala Dok BCA1;*
3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra d-dokument annessi kemm mar-rikors kif ukoll mar-risposta.

Ra l-affidavit ta' George Morris Samhon.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Edward Camilleri waqt is-seduta tal-5 ta'Marzu, 2026.

Ra n-nota li permezz taghha gie ezebit il-passaport Palestinjan ta' George Morris Samhon.

Sema' x-xhieda ta' Seraia Chlach u ta' Hubert Gerada waqt is-seduta tal-14 t'April, 2026.

Ra li l-appell thalla ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidra

Illi mill-aspett prettament legali, ir-regolament 3 tal-Ewwel Taqsima tal-LS 623.09 jipprovdi testwalment li

> *(1) L-eżerċizzju ta' kwalunkwe attivitajiet ta' servizz stipulati fl-Iskeda I ma għandux jitwettaq minn kwalunkwe persuna jew entità sakemm l-imsemmija persuna jew entità ma tkunx kisbet liċenzja valida għall-eżerċizzju ta' tali attività ta' servizz.*

F'dan ir-rigward, ir-reg 14 tal-istess LS 623.09 jipprovdi testwalment:

> *L-applikant għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati li ġejjin:*
> *(a) hija persuna fiżika li għandha eta' 'l fuq minn wieħed u għoxrin (21) sena u li hi abitwalment residenti f'Malta, jew f'xi Stat Membru; jew*
> *(b) hija entità.*
> *(2) Il-Kumitat għandu jkun sodisfatt li l-applikant:*
> *(a) jissodisfa r-rekwiżiti għal-liċenzja kif speċifikati fir-regolament 15;*
> *(b) ikollu fil-pussess tiegħu l-limiti tal-kriterji meħtieġa kif stabbiliti fl-Iskeda II;*
> *(ċ) jipprovdi evidenza suffiċjenti li għandu għarfien sod tas-suġġetti elenkati fl-ewwel partita tat-Taqsimiet A, B u Ċ tal-Iskeda II; u*
> *(d) ikun persuna fiżika ta' reputazzjoni u kondotta tajba u f'qagħda finanzjarja xierqa jew tkun entità fejn kull wieħed mid-diretturi għandhom reputazzjoni u kondotta tajba u l-entità tinsab f'qagħda finanzjarja xierqa.*
> *(3) Persuna jew entità ma għandhomx jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk l-applikant:*

(a) ikun instab ħati ta' reat kriminali serju fl-aħħar ħames (5) snin, li jkunu reati ta' miżappropjazzjoni jew frodi;

(b) ikun instab ħati minn Qorti kompetenti li fl-aħħar sentejn (2) wettaq reat skont d-diżpozizzjonijiet tal-Att jew xi regolamenti magħmula taħtu;

(ċ) ikun instab ħati ta' xi reat korrispondenti taħt xi liġi ta' pajjiż jew f'territorju barra minn Malta:

Iżda jekk l-applikant kellu inqas minn tmintax-il (18) sena meta nstab ħati, iż-żmien imsemmi fil-paragrafi (a) u (b) għandu jkun ta' sentejn (2) u sena (1) rispettivament.

(4) Persuna jew entità jista' jkollha liċenzja sabiex twettaq aktar minn attivita' ta' servizz wieħed (1) minn dawk elenkati fl-Iskeda I, f'liema kaz iridu jissottomettu applikazzjoni separata bid-dokumenti li jsostnuha u kif speċifikat taħt dawn ir-regolamenti, għal kull attività

*ta' servizz rispettiva, **flimkien ma' dik l-informazzjoni u d-dokumenti l-oħra li l-Kumitat jista' jitlob li jiġu sottomessi sabiex jiddeciedi dwar l-applikazzjoni**.*

Ir-Reg 15 ikompli jipprovdi:

(1) Applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja għandha tiġi sottomessa lill-Ufficjal Kap Eżekuttiv fil-forma preskritta mill-Awtorita' skont dawn ir-regolamenti u għandha tissodisfa ir-rekwiżiti speċifikati fir-regolament 14(1) flimkien mar-rekwiżiti addizjonali li ġejjin:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT tal-applikant;

(b) informazzjoni oħra meħtiega li tista' tirrikjedi l-Awtorità skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) il-ħlas tal-miżata relevanti għall-applikazzjoni kif provdut fl-Iskeda III.

Permezz tad-decizjoni appellata l-Awtorita` tirreferi ghal "*nuqqas ta'dokumenti li kellhom jigu prezentati kif mitlub fi Skeda II tal-Ligi Sussidjarja LS623.09*". It-Tribunal fella l-imsemmija Skeda II liema skeda tipprovdi ghal kriterji ghal kull attivita` ta'servizz. Tali kriterji f'kull kaz jinnecesitaw provi ta' kompetenza fis-settur da parti ta' min japplika b'zieda mar-regolamenti surreferiti. Jidher ukoll li l-legizlatur ried jaghti lok ghal diskrezzjoni da parti tal-Kumitat li jitlob dokumentazzjoni ohra mehtiega ai fini tad-decizjoni li trid tittiehed meta fir-regolament

14(4) u 15 hawn fuq gja` citati jehtieg li l-applikant iressaq ukoll "*dik l-informazzjoni u d-dokumenti l-ohra li l-Kumitat jista'jitlob li jigu sottomessi sabiex jiddeciedi dwar l-applikazzjoni*". Ir-Reg 15 mbaghad jaghmel referenza esplicita ghall-htiega ta' numru validu tal-VAT tal-applikant. It-Tribunal isib li r-rikjesta tal-Kumitat ghal certifikat validu tal-VAT tal-entita` applikanta kienet wahda legittima li, fil-fatt, ma jidhirx li qed tigi kontestata mill-appellanti. Fil-fatt, f'dan ir-rigward, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak sottomess mill-appellanti kemm tramite ir-rikors tal-appell taghhom (fejn indikat in-numru tal-VAT korrett tal-entita`) u kif ukoll ghall-affidavit ta' George Morris Samhon fejn itenni li "*jiena ghandi VAT kif urejt tal-kumpanija Orascom Limited bin-numru MT 24214001 fejn ghalhekk dan l-ilment gie ndirizzat fejn il-VAT huwa updated u mhallas regolarment*". Annes mar-rikors tal-appell hemm ukoll kopja tac-certifikat relattiv. Dan ma jbiddilx pero`mill-fatt li l-Awtorita` kienet, fid-decizjoni taghha, ghal kolllox korretta meta cahdet l-applikazzjoni fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni tassattivament mehtiega skont il-ligi.

Fir-rigward tat-tieni aggravju, hawn ukoll it-Tribunal isib li t-talba ghal permess ta'residenza tar-rapprezentant tal-entita` applikanta hija wahda legittima ai fini tal-ipprocessar tal-applikazzjoni. Hawn ukoll l-appellanti mhux qed jikkontesta din it-talba tal-Awtorita` imma jikkontendi tramite l-affidavit tieghu li "*a rigward ta'residenza tieghi, jiena Palestinjan u l-Immigration Appeals Board rrakomandaw li l-istatus tal-immigrazzjoni tieghi ghandha tigi regolarizzata*". Huwa jkompli jghid li l-istat tieghu f'Malta gie rez incert minhabba "*kaz ta'ligijiet da parti tal-Agenzija Identita`- fejn kien hemm tnehhija ta' ligijiet, imma spiccajt li qed jirregolarizzaw il-posizzjoni tieghi imma l-Awtorita` kellha problemi logistici u legali sabiex dan isir. Dan nahilfu u anke l-konsulenti tal-Agenzija Identita`infurmawni li l-posizzjoni tieghi ser tigi regolarizzata. Pero` ma nahtix ghal xi haga mhux fil-kontroll tieghi u/jew mhux tort u/jew mhux kagun tieghi. Wara kollox x'qeghdin jippretendu li ser immur lura l-Palestina?*"

F'dan ir-rigward il-ligi tehtieg li d-diretturi jew l-amministratur licenzjat tal-entita` applikanta jkunu abitwalment residenti f'Malta u anzi tipprovdi li "*f'każ li d-diretturi jew l-amministratur liċenzjat, mhumiex abitwalment residenti f'Malta, minflok għandu jiġi provdut dokument ekwivalenti maħrug minn awtorità ġudizjarja jew amministrattiva kompetenti tal-pajjiz fejn id-diretturi jew l-amministratur liċenzjat huma abitwalment residenti.*" F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li xehdet Seraia Chlack in rapprezentanza ta' Identita` fejn din, wara li elenkat l-applikazzjonijiet imressqin minn Samhon matul iz-zmien,

stqarret "*Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid illi din il-persuna llum m'ghandhiex permess ta'residenza. Kien hemm minuta li tindika li kellha ssehh laqgha ma' Identita` Hal-Far, pero` wara li kkomunikajt maghhom, gejt infurmata li permessi ma hargux*". Hubert Gerada mill-Korp tal-Puizija xehed ukoll fejn ikkonferma li ghalkemm Samhon mhux qieghed Malta illegalment "*peress li ahna da parti taghna qed jigi meqjus regolarizzat kif rakkomandat mis-sentenza. (...) dan huwa kaz daqxejn ambigwu peress illi ghalkemm hemm regolarizzazzjoni min-naha taghna, Identita` qed issib diffikulta` biex tohrog permess*". It-Tribunal ra wkoll id-decizjoni tal-Immigration Appeals Board fejn dan kien effettivament issugerixxa li l-istat ta' Samhom jigi regolarizzat anke in vista ta' ragunijiet umanitarji hemmhekk imfissrin. Kjarament mhuwiex il-kompitu tat-Tribunal odjerna li jiddetermina kwistjonijiet relattivi ghall-istatus ta' residenza tal-applikant f'dan il-kaz u f'dak l-istadju dikjaratament pjuttost ambigwu anke ghall-awtoritajiet koncernati salv illi l-ligi tehtieg tassattivament prova ta' residenza (legali) abitwali u wkoll kull prova ohra rikjesta mill-Kumitat ghall-ipprocessar tal-applikazzjoni kif imfisser hawn fuq.

Illi ulterjorment jidher li din il-materja issa tinsab issa wkoll sorvolata in vista ta' dak verbalizzat waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju, 2026 fejn Dr. Mark Attard Montalto ghall-appellanta "*informa lit-Tribunal li fil-mori tad-differiment inhareg permess ta' residenza fit-23 t'April, 2026 a nom ta' George Morris Samhon*". F'dik l-okkazzjoni, l-appell gie differit sabiex l-Awtorita`tirregola ruhha in vista ta' dan l-izvilupp fejn fis-seduta sussegwenti t-Tribunal gie infurmat li l-applikant gie mitlub iressaq applikazzjoni gdida, din id-darba sostnuta mill-permess ta' residenza mahrug. Fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2026 l-appellanti iddikjara li, fil-fatt, kien qieghed fil-process li jressaq din it-tieni applikazzjoni tieghu.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont tal-fatt li:

i. l-applikazzjoni originali giet prezentata diversi xhur ilu u evidentement kellha neqsin dokumenti u informazzjoni ohra li l-Kumitat legittimament talab minghand l-applikant sabiex ikun jista' jipprocessa l-istess applikazzjoni
ii. In-numru tal-VAT tal-applikant gie palezat biss tramite dan l-appell u allura l-ewwel aggravju gie diga` michud
iii. Il-permess ta' residenza ta' Samhon inhareg biss fil-mori tal-istess appell

It-Tribunal jaqbel mal-posizzjoni mehuda mill-Awtorita` fil-mori, li tittressaq applikazzjoni ohra mill-gdid bl-informazzjoni issa kompluta rikjesta skont il-ligi ghall-ipprocessar tal-istess. L-appellanti evidentement ma kkontestax dan u fil-fatt, skont l-ahhar verbal, kellu jressaq din

it-tieni applikazzjoni tieghu ghar-rikonsiderazzjoni mill-Awtorita`. F'dan l-istadju allura kwalunkwe decizjoni ta' dan it-Tribunal fir-rigward tat-tieni aggravvju tkun wahda purament akkademika tenut kont tal-fatt li, mhux biss l-ewwel aggravju diga`gie michud u dan huwa sufficjenti sabiex l-appell ma jintlaqx imma wkoll ghaliex il-kwistjoni tar-residenza issa tinsab sorvolata bil-hrug tal-permess u bit-tieni applikazzjoni li l-appellanti kellu jressaq abbazi tal-istess. F'dawn ic-cirkostanzi, it-Tribunal ma jhossx li huwa mehtieg wisq anqas opportun li jiddetermina, f'dan l-istadju, it-tieni aggravvju anke sabiex izomm totalment impregudikata kwalunkwe decizjoni li tista' tittiehed f'dan ir-rigward mill-Awtorita`, appuntu, abbazi tat-tieni applikazzjoni.

F'dan ir-rigward allura, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-ewwel aggravju, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni aggravju stante l-hrug tal-permess ta' residenza favur l-appellanti fil-mori tal-appell, jichad ghalhekk l-appell u jikkonferma d-decizjoni appellata salv u impregudikata kwalunkwe applikazzjoni ulterjuri prezentata mill-istess applikant.

Decide

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija t-Tribunal qieghed jichad l-ewwel aggravju, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni aggravju stante l-hrug tal-permess ta' residenza favur l-appellanti fil-mori tal-appell, jichad ghalhekk l-appell u jikkonferma d-decizjoni appellata salv u impregudikata kwalunkwe applikazzjoni ulterjuri prezentata mill-istess applikant.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru